Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Legiżlatura

Laqgħa Numru 9/2026

15 ta' Settembru, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

Preżenti:

Johan Mula	Sindku
Francis Callus	Viċi Sindku
Kurt Debono	Kunsillier
Claire Zammit Xuereb	Kunsilliera
Joanna Abdilla	Kunsilliera

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

9.4 Proposta tad-Dwal fil-Pjazza

Is-Sindku spejga lill-Kunsilliera li xi ħin kien ser iwaqqaf il-laqgħa sabiex il-Kunsill jiddiskuti punt 9.4 mill-Agenda mal-lighting designer tal-proġett tal-pjazza permezz ta' video call. Huwa qal li l-Kunsill kien għaddilhom żewġ pjanti u booklet bl-specifications tad-dwal sabiex ikunu jistgħu isegwu waqt il-video call mal-lighting designer.

Is-Sindku ntroduċa lis-Sa Erica Muscat mal-Kunsilliera u hija tat spjegazzjoni fejn fehmet lill-Kunsill il-proposta tad-Dwal tal-proġett tal-pjazza u wieġbet xi mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

9.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal ref punt 8.1.7 (tender synthetic turf) fl-aħħar kien ġie aġġudikat u ma kienx hemm appelli, u għalhekk kien ingħata l-kuntratt lill-Projekte. Huwa spjega li l-kuntrattur diġà kien ipprovda l-garanzija u li kienu ddiskutew kif ser isiru x-xogħolijiet.

Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur kien qed jissuġġerixxi li meta jitneħħa l-ħajt biex ikunu jistgħu jidħlu bil-makkinarju fil-grawnd dan ma jerġax jinbena l-ħajt iżda minflok isir b'gate tal-ħadid biex l-aċċess jibqa' wieħed konvenjenti. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta.

9.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.2.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu, 2026 kien attenda *Press Conference* organizzata mill-Ministru Alison Zerafa Civelli fejn ġie varat MOU ġdid. Is-Sindku spjega li l-MOU li kellna mal-*Public Works* issa dan kien ser jiġi estiż u li d-dettalji tiegħu kienu ser jingħataw aktar tard.

9.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu xufier ġdid biex isuq il-van tal-Kunsill. Huwa spjega li x-xufier li kellna kien waqaf fil-ġimgħa tal-festa minħabba raġunijiet ta' saħħa, u għalhekk il-Kunsill kien għamel talba biex jingħata xufier ġdid. Is-Sindku qal li s-servizz issa reġa' ġie għan-normal.

9.2.3 Is-Sindku qal li Kor *Sine Macula* kienu nfurmaw lill-Kunsill li nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru, 2026 kienu ser jorganizzaw Kunċert fiċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa qal li sabiex ikollhom pjan ieħor jekk tinzerta li tkun ix-xita, talbu biex jużaw is-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma niħdux bookings għal din il-ġurnata.

9.2.4 Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt 26 ta' Settembru, 2026 il-Kunsill kien ser jorganizza l-*Clean Up* 2026 fil-5:00pm

9.2.5 Is-Sindku qal li *Projects Green* issa kienu bdew xi xogħolijiet fi Ġnien t'Amparell cioe' li kienu bdew bil-fencing tal-injam u li l-Ġnien 31 ta' Marzu kienu dawwruh bil-fence u bdew xi xogħolijiet ukoll.

9.2.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu, 2026 kellu laqgħa r-*Reġjun Punent* fejn iltaqa' mal-Manager tal-Kultura u ddiskutew kif kienu ser iqassmu l-programm tal-Kultura għas-sena d-dieħla. Is-Sindku fakkar li s-sena d-dieħla ir-*Reġjun Punent* kien ser ikun r-Reġjun Kulturali 2026. Huwa għadda l-programm lill-Kunsillieri fejn ġie kkonfermat li Novembru, 2026 ser ikun ix-xahar assenjat għall-lokalita' ta' Ħal Safi.

9.2.7 Is-Sindku kkonferma li lejn l-aħħar ta' Ottubru, 2026 il-Kunsill kien ser jattendi għal *Town Twinning* Lesvos. Huwa kkonferma l-ispejjeż u kemm kellu flus disponibbli għall-istess *Town Twinning* u li l-Kunsill seta' joħroġ sa massimu ta' €3,500. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien talab lil Kunsill ta' Mytilin jekk setgħux ikoprulna l-ispejjeż tat-transport, u l-Kunsill ta' Mytilene kienu aċċettaw.

Is-Sindku qal li l-organiser kienet ser tkun Malta bejn is-7 u l-11 ta' Ottubru, 2026 sabiex f'dawn il-ġranet nikkonkludu l-programm u ssir l-ewwel laqgħa mal-parteċipanti. Huwa qal li bħala ġest reċiproku talli l-Kunsill ta' Mytilene kien aċċetta li jkoprilna l-ispiża tat-trasport kollu ġewwa Lesvos, issuġġerixxa li l-ispejjeż tal-lukanda u t-titjira li jammontaw għal €750 jħallashom il-Kunsill. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment u qabel bħala data tentattiva għal laqgħa mal-organiser tkun il-Ħamis 8 ta' Ottubru, 2026.

9.2.8 Is-Sindku qal li bejn il-11 u 14 ta' Ottubru, 2026 kien ser jattendi għal *European Week of Regions and Cities* ġewwa Brussels fuq stedina tar-*Reġjun Punent*. Huwa qal li t-titjira kien ser jħallasha ir-Reġjun u li skond il-liġi huwa jingħata l-*Per Diem*. Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li f'Ottubru ukoll, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sa jorganizzaw żjara għal udjenza mal-Papa fil-Vatikan għas-Sindki kollha. Huwa qal li din ser issir bejn l-20 u 22 ta' Ottubru, li kien ser jattendi għal din iż-żjara, u li kien intitolat għal *Per Diem* ukoll. Kunsill qabel.

9.2.9 Is-Sindku qal li xtaq jagħti *update* fuq il-kwistjoni t'Amparell. Fejn issa ntefgħu żewġ applikazzjonijiet oħra fejn waħda mill-applikazzjonijiet ser jinbnew 74 appartamenti u 12-il penthouse bil-pool, filwaqt li t-tieni applikazzjoni ser jinbnew 85 appartamenti u 10 penthouses bil-pool. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa' kien fetaħ kawża fil-qorti bħala oġġezzjoni mal-*Planning Authority* u li konna qed nistennew is-sentenza f'Novembru li ġej. Pero' kien qed jissuġġerixxi li tintefa' oġġezzjoni fuq dawn iż-żewġ applikazzjonijiet

ukoll *in line* li aħna dejjem għidna li l-Kunsill mhux kontra l-iżvilupp iżda li l-iżvilupp irid isir bi pjan u studju ħolistiku dwar kif dan il-bini kollu kien se jimpatta lill-lokalita' tagħna.

9.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.3.1 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċeviet talba sabiex isiru xi mirja fi Triq in-Nassaba. Hija qalet li kien hemm persuna f'din it-triq li hekk kif tkun ser toħroġ il-karozza mill-garaxx ma tarax il-karozzi ġejjin. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru l-mirjiet neċessarji.

9.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru, 2026 f'Ħal Safi ser jerġa' jkun hawn il-Blood Donation Unit sabiex inġibu l-avviż fil-Gazzetti tal-Gvern. Il-Kunsill qabel.

9.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-instructor tal-Pilates kienet qed tistaqsi jekk tistax terġa' tibda bis-sezzjonijiet tal-pilates mill-1 ta' Ottubru, 2026. Il-Kunsill qabel.

9.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ssuġġerixiet li l-Kunsill juri nteress ma OASI, biex fil-Kunsill Lokali jsiru sezzjonijiet ta' informazzjoni kontra l-vizzji fosthom kontra d-droga. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu nuru l-interess tagħna.

9.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li hemm interess sabiex nerġgħu nagħmlu *first aid course*. Is-Sindku kkonferma li għalkemm m'ilniex li għamilna dawn it-tip ta' courses ser naraw meta jistgħu jsiru. Joanna Abdilla qalet li rċeviet talba biex jerġgħu isiru l-courses tal-First Aid.

9.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk minn naħa tar-Reġjun kinux ser jagħmlu kors tal-presepji. Is-Sindku qal li sa issa ma kellux informazzjoi li ser isiru dawn it-tip ta' korsijiet.

9.3.7 Il-Kunsillier Joanna Abdilla qalet li fi Triq tal-Ajzar kien hemm parking bay għal MC pero' kienu qed jostakolaw lil min ikun ħiereġ mill-garaxx. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiċċekkja d-distanza tal-parking bay tal-MC.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li fi Triq in-Nassaba ukoll kien hemm din il-problema li hekk kif jipparkjaw il-muturi ma tkunx tista' toħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw anke dan il-parkeġġ.

9.3.8 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-linji fi Triq Carmelo Caruana kienu iċċaraw ħafna sabiex nieħdu ħsieb nagħmluhom. Il-Kunsill qabel.

9.3.9 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru, 2026 kienet ser terġa' torganizza ħarġa għal *Birgu by Candlelight*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li norganizzaw it-transport għal din il-ħarġa.

9.3.10 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-inizjattiva ta' nhar ta' Erbgħa għal baħar kienet ser tibqa sejra sal-aħħar ta' Settembru.

9.3.11 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fl-akwata minn fejn taqbeż il-post tan-nar kien hemm ħafna dlam forsi nikkunsidraw inżidu xi lampi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw fejn jistgħu jsiru l-bozoz ġodda.

9.3.12 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk min xtaq jarma għal stand bl-ikel kellux ikellem lill-Organiser. Is-Sindku kkonferma li l-organiser kien qed jieħu ħsieb u għalhekk għandhom jikkuntattjaw lilu direttament.

9.5 Sejħa Ġardinar

Is-Sindku qal li f'Diċembru kien ser jispiċċa l-ġardinar u sabiex ma ninqabdux mingħajr ġardinar kien jinħtieġ li noħorġu l-call fuq bażi *Part Time*. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser jitlob ammont ta' snin ta' esperjenza u li min japplika irid jagħti prova ta' tali esperjenza flimkien mas-C.V. u anke ċertifikati fil-qasam tal-Ortikultura. Il-Sindku ta' lista ta' ġonna u planters li l-Kunsill kien ser jitlob li l-ġardinar kellu jieħu ħsieb. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

9.6 SPI/SCI/07/2026 Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027

Is-Sindku ressaq l-inizjattiva sabiex issir l-Attivita' Kulturali għas-sena d-dieħla. Is-Sindku spjega li għal din l-inizjattiva l-Kunsill normalment japplika saiex ikollna biżżejjed fondi biex norganizzaw Festa Familja f'Novembru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw sabiex norganizzaw l-attivita' Festa Familja nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru, 2027.

9.7 Korrispondenza

Saru xi mistoqsijiet fuq xi korrispondenza.

9.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

9.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru, 2026 fis-6.00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv